MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 349/1994/2

**Anthony Lia**
**vs**
**Walter Zammit**

**Il-Qorti**,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk: Peress li l-kontendenti ftehmu li l-attur ibigh lill-konvenut, u dan da parti tieghu jixtri, vettura Subaru J10 li ggib in-numru ta’ licenzja V5214, bil-prezz ta’ Lm3,680 li kellhom jithallsu kwantu ghal Lm1,100 meta tigi konsenjata l-vettura, liema konsenja saret fil-11 ta’ Dicembru 1991, f’ liema data sar il-bejgh [dok.A], Lm500 wara xahar, u l-bilanc kif jirrizulta mill-istess dokument esebit; Peress li l-konvenut mal-konsenja tal-vettura hallas akkont ta’ Lm100 u impenja ruhu mal-attur li immedjatament imur igiblu Lm1100 kif jirrizulta mill-provi waqt it-trattazzjoni tal-kawza; Peress li l-konvenut baqa’ totalment inadempjenti ghaliex minbarra l-Lm100 ma

hallas ebda akkont iehor, nonostanti l-interpellazzjonijiet li sarulu;

Premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, ighid il-konvenut ghaliex m' ghandux jigi kundannat 1] ihallas lill-attur is-somma ta' elf u hames mitt lira [Lm1,500] in akkont tal-prezz tal-vettura lilu mibjugha kif fuq intqal. [2] l-interessi legali mid-data li kull somma kienet dovuta 3] li spejjez tal-kawza, komprisi dawk tal-mandat ta' qbid tat-30 ta' Settembru 1992; B' riserva ta' kull dritt ghal-bilanc dovut u ghal kull azzjoni ohra, harrek lil-konvenut biex jidher ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut permezz ta' liema eccepixxa: 1 1. Illi t-talba ta' l-attur ghandha tigi respinta peress illi l-istess attur ha l-karrozza de quo lura; 2. Illi mill-punto di vista matematiku t-talba ma ssegwix il-premessi; pero' f' kaz li l-attur qieghed jghid li jekk l-ecipjenti jhallsu Lm1,500 l-istess eccipjenti jiehu lura l-vettura de quo f' kondizzjonijiet tajba, allura l-ecipjenti jaccetta immedjatament; salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Ikkunsidrat

**Kwadru tal-fatti**

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-attur qieghed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' Lm1,500 parti mill-prezz ta' vettura Subaru V5214 skond ftehim milhuq mill-kontendenti fil-11 ta' Dicembru 1991 esebit mad-dikjarazzjoni guramentata tal-attur.[1]

Illi in propositu ghad-dokument esebit mill-attur kontenenti l-imsemmi ftehim, il-Qorti tosserva li dina hija kopja ta' ricevuta, parti minnha illegibbli, minn fejn jidher li kien sar hlas tas-somma ta' Lm100 fuq karrozza Subaru. Tidher indikata s-somma ta' Lm3680 li minnha thallas Lm100 u

[1] Fol.4

skond l-istess ricevuta fadal bilanc ta' Lm3,580 u in segwitu l-kliem *"To pay Lm1100[2] on delivery [kelma illegibbli] Lm500 1 month after. Remaining balance four years"* In calce, fl-istess dokument hemm zewg firem, tal-kontendenti.

Illi l-attur fl-att tac-citazzjoni spjega li skond il-ftehim, kif minnu allegat, mal-konsenja tal-vettura l-konvenut kellu jhallas lill-attur akkont tal-prezz is-somma ta' Lm1,100 u s-somma ta' Lm500 xahar wara. L-attur sostna li fil-fatt mal-konsenja tal-vettura l-konvenut hallas biss Lm100 *"u impenja ruhu mal-attur li immedjatament imur igiblu Lm1,000 kif jirrizulta mill-provi waqt it-trattazzjoni tal-kawza"*. Izda dan ma sehhx u l-konvenut baqa' inademjenti u baqa' ma hallasx xejn aktar. Din il-versjoni kienet giet konfermata minnu bil-gurament fid-dikjarazzjoni tieghu.

Dawn il-fatti ma gewx kontradetti mill-konvenut li minn naha tieghu sostna li hu ma ghandu jhallasx xejn stante li l-attur ha l-karrozza lura. Fil-fatt mill-provi jirrizulta li l-attur rega' ha pussess tal-vettura, rizultat ta' mandat ta' qbid.

Illi fl-affidavit[3] tieghu, l-attur ikkonferma li hu kien bejgh il-karrozza <u>U</u>5214 bil-prezz ta' Lm3680 fuq indikat lill-konvenut li inizjalment hallas Lm100, izda fil-paragrafu sussegwenti qal hekk: *"<u>Ftehmna</u> li Walter Zammit kellu jigi biex jipprova l-karrozza, u li wara li jipprovaha<u>, jekk irid johodha</u>, ihallas <u>Lm400 mal-konsenja</u>, Lm500 wara xahar, u l-bilanc fi zmien 4 snin"*[4]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi in tema legali jigi osservat li meta l-kliem tal-konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni [Art.1002]; izda fid-dubju, il-konvenzjoni tigi mfissra kontra dak li favur tieghu saret l-obbligazjoniu favur dak illi ntrabat bl-obblikazjoni [art.1009].

---

[2] Il-figura mhux cara fuq id-dokument. Tista' tkun Lm400

[3] Fol.58

[4] Sottolinear tal-Qorti

Illi fil-kaz in disamina ma hemmx dubju li l-iskrittura inkorporatnti l-ftehim bejn il-partijiet hija mhux cara u ambiguwa, u dan apparti l-fatt li parti minnha hija illegibbli; u ghalhekk dan huwa kaz fejn huma permessi provi orali biex jigi kjarifikat il-kontenut tal-ftehim.

Fil-kaz odjern, mill-affidavit tal-attur irrizulta li l-ftehim kien li qabel ma l-konvenut jiehu l-karrozza huwa kellu jipprovaha u jekk irid johodha kellu jhallas Lm400 mal-konsenja u Lm500 xahar wara. Il-konvenut ha l-vettura that il-pretest li jipprovaha u ma rritornahiex lura u ma ghamel ebda pagament. Sussegwentement fit-30 ta' Settembru 1992 il-karrozza giet elevata mill-poter tal-konvenut rizultat ta' mandat ta' qbid.

Illi mill-premess jirrizulta li fil-fatt dak li kien sar bejn il-kontendenti kien bejgh ta' vettura bil-prezz ta' Lm3,680 li Lm100 minnhom thallsu mal-ftehim, Lm400 kellhom jithallsu mal-konsenja wara li l-konvenut jipprovaha, u Lm500 xahar wara.

Illi in propositu l-Qorti hija tal-fehma li meta l-konvenut ha l-konsenja tal-karrozza u ma rritornahiex gie attivat l-obbligu tieghu li jhallas is-somma ta' Lm400 u s-somma ta' Lm500 xahar wara. Mill-provi rrizulta car li, nonostante li l-konvenut ha l-vettura, huwa baqa' inadempjenti u ma ssodisfax dawn l-obbligi tieghu. Ghaldaqstant it-talbiet attrici huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha, izda limitatament ghas-somma ta' disa mitt lira maltin [Lm900].

Illi l-fatt li l-attur rega' ha pussess tal-vettura, rizultat tal-mandat ta' qbid, ma jimmilitax kontra din il-konkluzjoni, stante li, fl-ewwel lok il-bejgh sar malli l-partijiet ftehmu fuq l-oggett u fuq il-prezz u ffirmaw il-ftehim, u fit-tieni lok ghax l-attur in vista tal-inadempjenza kontrattwali da parti tal-konvenut kellu kull dritt li jesercita atti in kawtela tal-kreditu tieghu.

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talbiet attrici limitatament ghas-somma ta' disa mitt lira maltin [Lm900] u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma bl-imghax kif

mitlub, u bl-ispejjez kollha mitluba a kariku tal-konvenut – jibqa' impregudikat id-dritt tal-attur ghal-bilanc dovut u ghal kull azzjoni ohra spettanti lilu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------